

# *Milied* 2023

## COMUNIONE E LIBERAZIONE

Il-fidi ma tħarisx biss lejn Ġesù, iżda tħares bilmod kif jaħsibha Ġesù, tħares minn għajnejh: hi taqsam miegħu l-mod kif jara. Il-ħajja ta' Kristu tiftaħ spazju ġdid għall-esperjenza tal-bniedem u aħna nistgħu nidħlu fiha. Biex iħallina nagħrfuh, nilqgħuh u nimxu warajh, l-Iben ta' Alla ħa ġisem bħal tagħna. Il-fidi fl-Iben ta' Alla magħmul bniedem f'Ġesù ta' Nazaret ma tifridniex mir-realtà, iżda tħallina nifhmu t-tifsira l-aktar profonda tagħha, jinfetaħ mod ġdid kif tara. Li tara jsir mixja wara Kristu, u l-fidi tidher bħala mixja bil-ħars, li fiha l-għajnejn jidraw jaraw fil-profond.

PAPA FRANĠISKU

X'inhu l-aktar importanti f'ħajti? Hu dan il-bniedem li twieled minn qiegħ ġuf xebba, li trabba u kiber bħal kulħadd, u miet, għazel li jmut biex isalva l-bnedmin li kemm-il darba wera lejhom sentimenti ta' ħniena: "U kellu ħniena minnhom għax kienu bħal merħla mingħajr ragħaj". Jekk Alla sar bniedem, dan il-bniedem hu l-ogħla oġġett tal-imħabba. M'hemm xejn aktar konkret minn dan, għax dan ibiddel dak li llum hu, ibiddel kif jien inħares lejk.

LUIGI GIUSSANI

Skola tal-Imgħallem tas-seklu tlettax tas-*Sacro Speco*, Adorazzjoni tal-Maġi, dettall, affresk, seklu XIV.
Subiaco, Monasteru tas-Sacro Speco, Kappella tal-Madonna.

Ritratt: DeAgostini Picture Library/Scala, Firenze.